

# Rajt Ħal Qormi jinbidel

*Minn Dr. Victor Formosa*

Jien twelidt fi Triq Dun Marju, it-triq ta' wara l-knisja ta' San Ġorġ li mill-wied tibqa' tiela' sa Triq l-Isqof Scicluna, it-triq fejn hemm l-iskola tal-gvern. Twelidt fejn kienu joqogħdu n-nanna Ċett u n-nannu Ċens min-naħa ta' missieri. Hemm pjazzetta żgħira quddiem il-Biegħa Stagno fejn hemm il-palazz ta' Stagno li tibqa' sejra sa Triq Ħammieri. Quddiemna kien hemm ħanut tal-inbid. Ftit taż-żmien ilu tlajt fi Triq Dun Marju min-naħa tal-wied u tant inbidlet li m'għaraftx fejn kont għamilt lil ommi Rakele u lil missieri Kelinu (il-ħajjat) ferħana bl-ewwel wild tagħhom. Kienu semmewni Victor għan-nanna Vitor min-naħa t'ommi. Dik il-pjazzetta kienet u għadha ġġibli ħafna memorji ta' żmien l-imgħoddi. Il-progress ma jwaqqfu ħadd. Għadni nara u nisma' lil Ġorġ ta' Ċissu li kull filgħaxija kien ipoġġi fil-kantuniera bejn Dun Marju u t-triq tal-Palazz ta' Stagno u jgħid ħames posti rużarju li matulhom kien jieqaf il-logħob tat-tfal għax Ġorġ ma kienx juża s-sistema tal-amplifikazzjoni bħalma jużaw illum. Ma tantx konna nieħdu gost bih, speċjalment fir-rebbiegħa u fis-sajf meta konna nilagħbu barra aktar, imma noqogħdu kwieti kien ikollna għax inkella ċ-ċinturin jew l-imgħarfa tal-għuda.

Minn Triq Dun Marju inżilna noqogħdu fi Triq il-Blata taħt il-kampnar tal-knisja tagħna. Quddiemna eżatt kien u għad hemm forn, dak iż-żmien kien tal-Bellusi. Bis-saħħa tal-mibki l-avukat Ġorġ Zammit, l-awtur ta' Wenzu u Rożi, Triq il-Blata kienet magħrufa għall-ħanut tal-inbid ta' Kurun. Illum hija aktar magħrufa għall-maħżen tal-armar li l-parti tal-mitħna li kellna fuq wara kienet ġenb ma' ġenb miegħu. Il-maħżen jieħu ħsiebu l-kumitat Festi Esterni li din is-sena hija l-mitt sena mit-twaqqif tal-ewwel kumitat. Dawn ukoll rajthom jinbidlu imma San Ġorġ dejjem ħa ħsieb li jkun hemm nies ħawtilha u ħabrieka li jħobbu r-raħal u l-festa. Triq il-Blata rajtha tinbidel ukoll. Jekk niftakar sew kien hemm ħamest iħwienet, wieħed tal-laħam u l-oħrajn tal-grocer, wieħed minnhom ta' Marì x-xaluna. Dawn kollha spiċċaw u baqa' biss il-forn. It-triq tagħna l-aktar li niftakarha hi għall-ilmijiet li kienu jgħaddu, u mhux darba u tnejn daħlulna ġewwa, li kienu jinżlu minn Triq Kardinal Xiberras biex jiżbokkaw fil-wied.

La qed insemmu l-wied, irrid ngħid li tibdil kbir li sar kien proprju fil-wied li fi tfuliti kien mimli siġar taċ-ċawsli li ta' tfal li konna, konna nixxabbtu magħhom biex naqtgħu u niċċapsu biċ-ċawsli. Il-wied li naf jien tant inbidel li jekk ikolli nsib ritratt tiegħu, li nammetti li qatt ma rajt, żgur li ma nemminx li hi l-istess medda ta' triq li fejn kienet tmiss ma' Triq il-Mitħna kien hemm pont rustiku tassew sabiħ imma l-bokka tiegħu kienet toħloq ħafna problemi meta

jagħmel l-ilma. Għexieren ta' snin ilu, dak kien il-wied fejn karozzi ma kinux jgħaddu u fejn konna nilagħbu bil-ballun kull meta nsibu ħin. Inbidel ngħid, u kif.

Rajt ukoll tinbidel, tant li tilfet il-ħajja raħlija tagħha, Triq il-Kbira fil-parti ta' quddiem il-knisja li tiżbokka fi Triq il-Blata. Kienet tkun mimlija ħajja b'erba' ħwienet tal-kafè (u tax-xorb). Li niftakar jien, kienu tal-Qems, tal-Iskalett, ta' Ġorġ il-mutu u ta' Fieli fejn nhar ta' Sibt jidhirli li kien ikun hemm ukoll iż-żfin. Qabel żmieni, mhux se ngħidilkom kemm għax inkella tkunu tafu li għandi fuq is-sebgħin, kien hemm ukoll l-Azzjoni Kattolika tal-bniet fid-dar fejn illum hemm ħanut tax-xorb u ftit aktar lejn il-każin tal-Werqa kien hemm skola tas-sorijiet Franġiskani fejn illum hemm id-dar tal-anzjani.

Rajt ukoll tinbidel il-pjazza ta' San Franġisk li fiha, minbarra l-bottegin tal-każin, kien hemm tlitt iħwienet tax-xorb, żewġ barbiera, pompa tal-petrol, spiżerija, klabb tal-futbol (fis-sular ta' fuq fejn kien hemm il-pompa) u, naturalment, il-knisja ta' San Franġisk li ftit snin ilu ngħatat dehra sabiħa mill-Kunsill Lokali u għall-grazzja t'Alla għadha żżejjen il-pjazza. Li ma nbidilx f'din il-pjazza, u jalla le, huwa l-armar u l-briju matul il-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ li qed niċċelebraw f'dawn l-aħħar jiem ta' Ġunju. Ta' min ifakkar li għexieren ta' snin ilu l-festa tal-patrun tagħna San Ġorġ kienet issir fil-Ħadd ta' wara Lapsi u d-data tagħha kienet tinbidel kull sena bil-problema tal-maltemp meta l-Għid jiġi kmieni.

Naħseb li bidla kbira fir-raħal, li l-bidu tagħha kien wassal għal ħafna nkwiet, kien il-ftuħ ta' Triq Aniċi. Magħha rajt tinbidel ir-rotta tal-purċissjonijiet, l-aktar tal-Ġimgħa l-Kbira, Kristu Rxoxt u San Ġorġ, li kienu jgħaddu minn Triq San Pietru, wara li jitilgħu minn Triq Santa Katarina, biex jerġgħu jingħaqdu ma' Triq il-Kbira lura lejn il-knisja. Meta żżewwiġt, konna noqogħdu fi Triq Aniċi, fl-appartament fuq l-ispiżerija, u fil-jiem tal-festi tal-Għid u ta' San Ġorġ, konna nkunu qisna każin, min dieħel u min ħiereġ.

Bidliet oħra, kbar fid-daqs, saru fl-inħawi ta' fuq tal-Blat, bejn il-wied u l-bypass tal-Imrieħel u n-naħa ta' fuq tar-raħal fejn sar l-iżvilupp Ta' Farsina.

Iva, rajt Ħal Qormi jinbidel. Imma kull meta nkun hemm jew ngħaddi minn hemm jaqbadni swied ta' qalb. Tgħid għaliex?

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

***Lilek ħtarna sa mill-bidu***
***biex tkun sejf u tarka tagħna,***
***għożżna mela bħal uliedek***
***ġewwa ħdanek int iltqagħna***